MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2000

Numru. 409/2000

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
ANTOINETTE CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Antoinette Calleja, ta’ 34 sena, bint Salvu Sciberras u Helen nee’ Portelli, imwielda B’Kara fl-24 t’April 1966, u residenti 19, Triq Ghar il-Gobon, B’Kara, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 227166(M), u akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, bejn Jannar 1999 u Ottubru 1999, u fix-xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi write haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ elf sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1651.22), ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikli 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Alternattivament, approprijat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata f’idejha jew illi giet ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat u dan billi sarrfet diversi somom ta’ flus li globalment jilhqu s-somma ta’ elf sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1651.22), li kellhom jigu ikkonsenjati lura lid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u dan bi ksur tal-Artiklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Helga Debono kienet irceviet rapport li dahal fl-Economic Crimes Unit mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali, kontra Antoinette Calleja, fis-sens illi din kienet qed issarraf cekkijiet mahruga fuq Mary Calleja, li kienet pero’ mietet fis-6 ta’ Jannar 1999, u minkejja l-mewt ta’ Mary Calleja, l-imputata baqghet issarrafhom ghal zmien konsiderevoli.

Ic-cekkijiet li kienet issarraf l-imputata kienu tal-pensjoni tal-istess Mary Calleja. Id-Dipartiment koncernat ikkalkula illi l-ammont illi sarrfet l-imputata, li ma kinitx intitolata ghalihom kien ta’ elf sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1651.22).

Illi ghaldaqstant, il-Pulizija bdew l-investigazzjonijiet taghhom u Antoinette Calleja rrilaxxat stqarrija dokument HD1 li jinstab a fol 12 u 13 tal-process, f'liema stqarrija hija ddikjarat li omm ir-ragel taghha, Mary Calleja, kienet tghix maghha sa hames snin qabel il-mewt taghha, stqarriet illi hija kellha l-prokura tal-istess Mary Calleja sabiex hi tkun tista' ssarfilha c-cekkijiet. Illi minkejja l-mewt ta' Calleja fid-data fuq indikata, l-imputata baqghet issarraf dawn ic-cekkijiet, u dan ghamlitu ghax hi kellha hafna tfal, u li tnejn minnhom kellhom bzonnijiet specjali, u li ghalhekk il-flus, 'sabithom tajbin'.

Adrian Attard, a fol 14, mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ikkonferma l-prokura li kellha l-imputata sabiex hija ssarraf ic-cekkijiet ta' Mary Calleja, u kkonferma illi Mary Calleja mietet fis-6 ta' Jannar 1999, u li l-imputata naqset li tirraporta l-mewt taghha, u baqghet issarraf ic-cekkijiet sat-23 t'Ottubru, u li ghaldaqstant, hija kellha taghti lid-Dipartiment elf sitt mija u tlieta u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu Maltin (1653.45). Ic-cekkijiet imsarrfa legalment gew esebiti u mmarkati bhala dokument DS3-DS13.

A fol 34, PS 1186 Anton Muscat ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija dokument HD1.

L-imputata Antoinette Calleja xehdet a fol 39 et seq tal-process, u xehdet illi hija kellha sebat itfal u l-akbar wahda kellha hdax-il sena, u li l-ahhar zewgt itfal kienu handikappati, u li ghalhekk ghandhom bzonnijiet specjali u tirrikjedi hafna flus. Biss biss, wiehed mit-tfal taghha jirrikjedi 'wheelchair' u dan jiswa' xi tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm841). Illi n-nuqqas ta' flus kienet ir-raguni ghaliex hija baqghet issarraf ic-cekkijiet ta' Mary Calleja.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta illi kemm mill-istqarrija tal-imputata dokument HD1 a fol 12 u 13, kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputata a fol 39-47, ma huma xejn hlief

ammissjoni pjena u cara tat-tieni akkuza dedotta kontra l-imputata, u cioe' dik ta' approprijazzjoni indebita f'ammont ta' elf sitt mija u wiehed u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1651.22).

Illi l-imputata xehdet fit-tul u tat sfond ta' dak kollu li hija kienet garrbet, tad-diffikultajiet kbar illi l-familja taghha kienu ghaddew minnha, tal-fatt illi hija kellha zewgt itfal illi kellhom dizabilita' u kellhom bzonnijiet specjali, u l-bzonn kbir taghha u tal-familja taghha ghall-flus sabiex hija tkun tista' tiehu hsieb tal-familja numeruza taghha.

Illi ghar-rigward tal-ewwel akkuza, u cioe' dik tal-messa in scena, reat kontemplat taht l-Artiklu 208 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tarax illi l-fatti speci tal-kaz, jinkwadraw b'mod anke remot ghall-kaz in ezami.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel akkuza li minnha qed tilliberaha; hatja tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artiklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputata taht ordni ta' 'probation', taht is-supervizjoni ta' 'probation officer' li joghgbu jinnomina d-Direttur tal-Probation Services, u dan ghal perjodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------